Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9323/26**

**SOC 266**
**EMPL 119**
**GENDER 37**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Agnese CANEVARI, membru supplenti għall-Italja, minflok is-Sur Stefano PIZZICANNELLA, li rriżenja - *Adozzjoni* |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Stefano PIZZICANNELLA, bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Italja).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar tmintax-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin. Il-membri u l-membri supplenti maħtura jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 2025[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2028.

4. Il-Gvern tal-Italja ppreżenta lis-Sa Agnese CANEVARI biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenja, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2028.

5. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jissuġġerixxi li l-Kunsill:

   (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kif tinsab fid-dokument 9321/26, u

   (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU C, C/2025/2802, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2802/oj)